**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' April, 2018

Rikors Nru : 260/17 AL

AB
vs

CD gie nominat b'digriet tas-17 ta' Jannar 2018 bhala Kuratur Deputat biex tirrappresenta lill-imsiefer
FG

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

(1) Illi hija mizzewga lil FG, skont ic-certifikat hawn anness Dok A li jgib in-numru 1131/2001, liema zwieg kien celebrat fid-19 ta' Lulju, 2001. Ir-ragel ilu li telaq minn Malta ghal aktar minn 15-il sena;

(2) Illi ma hemmx prospetti li jigi lura Malta, u dan minhabba li l-fatt li kien car li dan kien ghar-ragel zwieg ta' konvenjenza bl-iskop ta' cittadinanza;

(3) Illi stante dawn ic-cirkostanzi l-esponenti tinsab dejjem izjed f'diffikultajiet u fejn tkun mehtiega l-firma tar-ragel.

(4) L-esponenti mhix qed tistenna xi manteniment jew xi qsim tal-komunjoni li ma hemmx.

(5) Illi inoltre z-zwieg tkisser irremedjabilment, u l-partijiet ilhom aktar minn 4 snin separati de facto, bl-ebda tama li jkun hemm rikonciljazzjoni.

**Kawzali:-**

Peress li l-partijiet ilhom aktar minn 4 snin mifrudin de facto, u ghalhekk hemm lok ghall-hall taz-zwieg taghhom; u la hemm tfal u lanqas beni bejniethom x'jaqsmu;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) tiddikjara l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti li kien sar fid-19 ta' Lulju 2001 skont ic-certifikat 1131/2001;
(2) tawtorizza li l-attrici tirritorna ghal kunjom xbubitha "B ";
(3) tordna lir-Registratur tal-Qorti li fit-terminu ta' xahar jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat illi l-intimat huwa assenti minn dawn il-gzejjer;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Frar, 2018;

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti a fol 4 tal-process;

Semghet lill-intimat Stacey Chircop jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi

ippruvat illi l-intimat ilu li telaq minn Malta ghal aktar minn hmistax-il sena u ilhom aktar minn erba' snin mifrudin de facto;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Briffa";

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "B", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.